StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

**IS-SITT SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-isem u l-kunjom: ___________________________** **Il-klassi: ___________**

**Taqsima A**

**IL-QRAR**

**Immarka X għal dawk l-erba' sentenzi li juruk x'għandek tagħmel biex tqerr sewwa. L-ewwel waħda hija eżempju.** ***(4 marki)***

| | |
|---|---|
| Qabel nersaq għall-qrar irrid naħseb dnubieti sew. | X |
| Jien ma niddejjaqx nagħmel id-dnubiet għax naf li l-qassis dejjem jaħfirhomli. | |
| Wara li niftakar id-dnubiet tiegħi, irid jiddispjaċini li għamilthom. | |
| Għandi dnub kbir li nistħi nqerru. | |
| Nersaq quddiem is-saċerdot u nqerr dnubieti kollha. | |
| Biex jinħafruli dnubieti hu biżżejjed għalija li mmur quddiem Ġesù msallab. | |
| Qabel jaħfirli dnubieti, is-saċerdot jgħidli biex nagħmel xi għemil tajjeb. | |
| Irrid inwiegħed lil Alla li ma nerġax nagħmel dnubiet iżjed. | |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**IT-TALB - IS-SALVE REGINA** ***(6 marki)***

**Marija għandha bżonn ftit għajnuna meta tkun qiegħda tgħid is-Salve Regina. Għinha billi ddaħħal il-kliem f'postu. Għandek waħda bħala eżempju.**

Sliema għalik, **Sultana**, omm tal-_______________, ħajja ħlewwa u _______________ tagħna; sliem għalik. Lilek ingħajtu għaliex aħna tturufnati, _______________ Eva, lilek nitniehdu, aħna li _______________ u nolfqu f'dan il-wied ta' dmugħ.

Ejja mela, Avukata tagħna, dawwar lejna dawk l-_______________tiegħek tal-ħniena, u wrina wara dan it-turufnament lil _______________, frott imbierek tal-ġuf tiegħek. O ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.



**Taqsima C**

**IL-QUDDIESA**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** ***(3 marki)***

1. Aħna niltaqgħu b'mod speċjali ma' Ġesù (fil-Kmandamenti, fis-Sagramenti, fl-iskola).
2. Il-Quddiesa hija l-akbar (xewqa, talba, għajnuna) li nistgħu nagħmlu lil Alla.
3. Il-Kelma t'Alla fil-knisja tinqara mill-(ambone, palk, mejda tal-artal).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** ***(6 ma***

4. Fl-aħħar Ċena, Ġesù waqqaf is-sagramenti tal-E______________ u l-Ordni Sagri.
5. L-ewwel parti tal-quddiesa nsejħulha l-Liturġija tal-K______________.
6. Waqt il-Quddiesa, il-ħobż u l-inbid isiru l-ġ______________ u d-d______________ta' Ġesù.
7. Alla jagħtina lil Ġesù bħala O______________ mqaddsa biex bit-tqarbin ikun l-ikel tagħna.
8. Meta ngħidu 'Il-Missierna', aħna nuru li aħna lkoll aħwa, ulied tal-istess M______________.

9. Kif għandna nersqu għat-tqarbin? Immarka **t-tlieta** t-tajbin b'**X**.

(***3 marki)***

a. B'rispett ☐
b. Miġġildin mal-oħrajn ☐
c. B'ringrazzjament ☐
d. Bl-għira f'qalbna ☐
e. B'qima ☐

10. X'inkunu qegħdin nuru meta fil-Quddiesa nagħtu l-paċi lil xulxin?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

***(2 marki)***

11. Wara l-quddiesa, Ġesù jibgħat lilna lkoll biex inkunu xhieda tiegħu. Agħti **żewġ** eżempji ta' kif tista' tkun xhud ta' Ġesù.

a. ______________________________________________________________

b. ______________________________________________________________

***(2 marki)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D**

**ALLA F'ĦAJJITNA**

**Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Kemm hu kbir il-ħolqien! Kemm hi sabiħa l-ħajja! Kull meta nħares madwari nara ħwejjeġ tassew kbar. Inħares 'il fuq u nara firxa bla tarf tas-sema. Inkun qed nimxi madwar il-kosta ta' Malta u nara medda bla qies ta' baħar. Meta noħroġ nippassiġġa qalb il-kampanja, nara l-ġmiel tal-fjuri, tax-xtieli u tal-insetti. Il-ħolqien ta' madwarna jurina kemm Alla hu tassew kbir u qawwi.



Dak li naraw int u jien, kien jarah ukoll wieħed raġel li għex ħafna u ħafna żmien ilu jismu Ġob. L-istorja ta' Ġob insibuha fil-Bibbja, sewwasew fit-Testment il-Qadim. Ġob xi kultant kien jaħseb li Alla m'għamilx kollox sewwa. Iżda darba Alla deherlu f'tempesta u kellmu. Minn dak li qallu l-Mulej, Ġob induna kemm kien ċkejken u ma jaf xejn. Ġob għaraf kemm Alla hu kbir u jista' kollox.

1. Min għamel il-ħolqien li hawn madwarna? Immarka t-tajba b'**X**.
   (a) Ġob ☐
   (b) Int ☐
   (c) Alla ☐ ***(marka)***

2. Kif inhu l-ħolqien li hawn madwarna? Immarka t-tajba b'**X**.
   (a) sabiħ u tajjeb ☐
   (b) mudlam ☐
   (c) mhux kollox hu sewwa ☐ ***(marka)***

3. X'jurina l-ħolqien fuq Alla? Immarka t-tajba b'**X**.
   (a) Li hu kbir u qawwi ☐
   (b) Li hu ċkejken u ma jaf xejn ☐
   (c) Li mhux kollox għamel sew ☐ ***(marka)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Fejn insibu l-istorja ta' Ġob? Immarka t-tajba b'**X**.

(a) Fit-Testment il-Qadim ☐

(b) Fit-Testment il-Ġdid ☐

(c) Fid-djarju tiegħi ☐ ***(marka)***

5. Meta deher Alla lil Ġob? Immarka t-tajba b'**X**.

(a) Meta kien fl-għalqa tiegħu ☐

(b) F'ġurnata b'xemx tiżreġ ☐

(c) F'tempesta ☐ ***(marka)***

6. **Imla l-vojt tal-istorja li ġejja bil-kelma t-tajba li ssib minn din il-kaxxa:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| lix-xemx | iċ-ċriev | jindaħallek | tas-sema |
| kbir | id-dinja | Ġob | Alla |

Lil Ġob, __________________ qallu: "Min hu dan il-bniedem bla għaqal li jaħseb li jaf aktar minni x'għandu jiġri? Isa, weġibni għal dan li se nistaqsik: Int fejn kont meta jiena ħlaqt __________________? Min jikkmandaha __________________ biex titla' filgħodu? Il-kwiekeb min waqqafhom fil-għoli __________________? Il-beraq min jgħidilhom meta u fejn ileħħu? Jaqaw huwa int li tieħu ħsieb _______________ tal-muntanji, jew li tħejji l-ikel għaż-żgħar tal-għasafar? Weġibni, Ġob, jekk għandek il-ħila. Weġibni."



_________________ induna kemm Alla hu tassew __________________ u għaref, u kemm huwa kien ċkejken u ma jaf xejn. Ġob qal: "Ikun tassew bla għaqal min jipprova ____________________ x'tagħmel. Mulej, inti taf kollox. Mulej, inti tista' kollox. Inti biss taf x'inhu l-aħjar. Ikun imbierek isem il-Mulej."

***(8 marki)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. **Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda hija eżempju.**

***(8 marki)***

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Alla ħalaqna | | biex nistgħu nħobbu u nkunu ferħana. |
| 2. | Alla għamel lill-bniedem akbar | | Alla jżommna bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħu. |
| 3. | Alla tana qalb | | fit-Testment il-Qadim. |
| 4. | Alla kien minn dejjem u | | fit-talb. |
| 5. | Lil Alla ma narawhx | **1** | xbieha tiegħu. |
| 6. | Ir-rakkont tal-ħolqien insibuh | | ngħidulu: "Jitqaddes ismek, tiġi saltnatek." |
| 7. | Aħna nistgħu ngħixu u nikbru għax | | għax m'għandux ġisem bħalna. |
| 8. | Ġesù kien sikwit jitkellem ma' Missieru | | minn kull ħlejqa li hawn fid-dinja. |
| 9. | Fit-talba tal-Missierna, lil Alla | | jibqa' għal dejjem. |

**Taqsima E**

**SAN PAWL**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.**

***(4 marki)***

1. Fl-10 ta' Frar niċċelebraw it-twelid (**<u>tal-Knisja</u>**, ta' Ġesù Bambin, ta' San Ġwann) f'Malta.
2. Meta San Pawl ġie Malta, hu għamilna (Nsara, Maltin, barbari).
3. San Pawl kien ċittadin (Ruman, Sirjan, Malti).
4. Meta ġie Malta, San Pawl kien fi triqtu lejn (Ġerusalemm, Ruma, Londra).
5. San Pawl ġie Malta għax inqabad (f'tempesta, f'terremot, f'temp sabiħ).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6. **Ikteb ĦAMES sentenzi biex tkompli l-istorja ta' meta San Pawl g... Malta billi tuża dawn il-kelmiet:** ***(10 marki)***

| |
|---|
| ħuġġieġa – lifgħa – xi alla – tliet xhur – Publiju |



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F**

**IL-PASSJONI TA' ĠESÙ**

1. **Bil-kliem li ssib fil-kaxxi, ikteb x'talab Ġesù lill-Missier għal dawk li qatluh.**

| | | |
|---|---|---|
| jagħmlu | x'inhuma | Missier |
| għax | ma jafux | aħfrilhom |

***(2 marki)***




"____________________________________

____________________________________

____________________________________"

2. a. Meta qal dan il-kliem Ġesù?

____________________________________________________

________________________________________________ ***(2 marki)***

b. X'ried jgħallimna Ġesù b'din is-sentenza?

____________________________________________________

________________________________________________ ***(2 marki)***

3. Semmi **żewġ** persuni li baqgħu taħt is-salib ta' Ġesù għax kienu jħobbuh.

____________________________________________________

________________________________________________ ***(2 marki)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'taħseb li ħasset Marija taħt is-salib?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________ *(2 marki)*

5. Semmi **żewġ** talbiet li aħna nitolbu lil Marija.

   a. ___________________________________________________________

   b. ___________________________________________________ *(2 marki)*

6. Semmi **żewġ** affarijiet li tista' tagħmel int fil-ħajja ta' kuljum biex togħġob lil Marija.

   a.____________________________________________________________

   b. ____________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima G**

**IL-FIDI TAGĦNA**

**Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi bil-kelma t-tajba li ssib mill-kaxxa.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~allat~~ | Ġerusalemm | Trinità | Griżma |
| il-qawwa | Sidek | f'kollox | Ammen |
| Pentekoste | l-Ispirtu s-Santu | eżilju | |

1. In-nies li kienu jgħixu qrib il-poplu Lhudi, fl-Antik Testment, kienu jqimu ħafna **allat**.
2. Alla ta' spiss kien ifakkar lill-poplu Lhudi: "Jien hu Alla ______________; ma jkollokx alla ieħor għajri."

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Meta l-Lhud reġgħu lura f'pajjiżhom mill-______________, bdew j mill-ġdid il-belt ta' ______________________.
4. Ġesù wriena li ________________________ huwa wkoll Alla.
5. Aħna nemmnu li Alla hu wieħed fi tliet Persuni. Din il-verità nsejħulha l-misteru tat-_________________Qaddisa.
6. L-Ispirtu s-Santu jagħtina d-dawl kif ukoll _________________.
7. L-Ispirtu s-Santu li Ġesù kien wiegħed lill-Appostli ġie fuqhom fil-festa l-kbira ta' ______________________.
8. L-Ispirtu s-Santu ġie fuqna fil-Magħmudija u ser jerġa' jiġi fil-___________________.
9. Meta nitolbu, ħafna drabi nispiċċaw bil-kelma _________________.
10. Il-Lhud kienu jgħidu 'Ammen' meta lil Alla riedu jgħidulu li huma kienu lesti li jilqgħu l-kelma tiegħu u jobduh ____________________.

***(10 marki)***

**Taqsima H**

**ĠESÙ KRISTU** ***(6 marki)***

**Ikteb il-kelma '<u>Alla</u>' jew '<u>bniedem</u>' fil-vojt ta' kull sentenza.**



1. Ġesù fejjaq lill-morda u ħafer lill-midinbin. B'hekk wera li hu kien tassew ___________________.



2. Ġesù beka, ħariġlu l-għaraq, bata u miet. B'hekk wera li kien ukoll ___________________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



3. Ġesù biddel l-ilma f'inbid fit-tieġ ta' Kana. B'dan huwa wera li kien tassew ________________.

4. Ġesù beża' fil-Ġnien tal-Ġetsemani. B'hekk wera li kien ________________.





5. Ġesù sar ________________ meta twieled minn ommu Marija.



6. Ġesù qam mill-mewt. Bil-qawmien tiegħu wera li kien ________________.

**Imla l-vojt. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.** ***(9 marki)***

1. Aħna nemmnu li Alla hu wieħed fi tliet **<u>Persuni</u>**.
2. Ġesù hu ______________ Persuna tat-Trinità Qaddisa.
3. Ġesù sar bniedem biex jeħlisna ______________.
4. Ġesù sar bniedem biex jagħmilna ħbieb ma' ______________.
5. Meta twieled Ġesù, Alla wera ______________ tiegħu.
6. Meta twieled Ġesù, l-anġli kantaw: "______________ 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u ______________ fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba."
7. Ġesù jixbahna f'kollox minbarra ______________.
8. Omm Ġesù kien jisimha ______________.
9. Aħna nfakkru l-festa tat-twelid ta' Ġesù ______________.

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers